# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001**

**Numru 8**

**Avviz Nru. 766/99 JAB**

**Maltacom p.l.c. (Sezzjoni Arretrati)**

**vs**

**Carmel u Mary Doris konjugi Muscat**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Ottubru, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Ottubru, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-
>
> Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u erba' u tmenin lira Maltin u tmien centezmi (Lm884.08) rappresentanti ammont dovut in

konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 240087 (skond kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz Dok A).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-tlieta u ghoxrin ta' Gunju 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-10 ta' Ottubru 2000 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm884.08,0 bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Gunju 1998 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Gunju 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali".

Minn dik is-sentenza appellaw il-konvenuti permezz ta' rikors ta' l-appell li bih talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza minnhom appellata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici pprezentat risposta fl-24 ta' Novembru, 2000, li fiha tat ir-ragunijiet taghha ghala l-appell ghandu jigi respint.

Din il-Qorti pero' ma taqbel xejn li l-appell ghandu jigi respint u hija kostretta invece li tirrevoka s-sentenza appellata u dan minhabba li din tippekka f'aktar minn aspett wiehed.

Dak kollu li ser jinghad aktar 'il quddiem huwa indipendenti mill-konsiderazzjoni l-ohra li din il-Qorti tixtieq li tibda biha, anke jekk mhux ser tiddeciedi l-appell fuqha, u cioe' illi l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dokument A li jinsab a fol. 2 tal-process illi jirreferi ghall-kont jew ammont dovut mill-Konica Distributors, Customer Address: Triq ix-Xatt, Pieta'. Inspjegabilment jidher li l-avviz inhareg kontra Carmel u Mary Doris konjugi Muscat, li joqghodu 10, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha, u fil-process ma hemm assolutament anqas hjiel ta' indikazzjoni almenu ghala dawn iz-zewg konvenuti ghandhom ikunu assocjati ma' Konica Distributors li wara kollox id-dokument Dok A jirreferi ghalihom. Dan huwa nuqqas kbir u fuq dan biss, bil-kapitolu b'kollox, l-ewwel Qorti ma jmisshiex ghaddiet biex thossha sodisfatta li tista' takkolji t-talbiet attrici.

Pero' hemm aktar minn hekk. Jidher li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-konvenuti, illum appellanti, kienu notifikati regolarment. Dak li effettivament jirrizulta li gara huwa dan: l-avviz li kellu jigi notifikat kemm lil Carmel kif ukoll lil Mary Doris konjugi Muscat, fil-fatt ma giex notifikat almenu minn kif jirrizulta mir-riferta ta' l-14 ta' Gunju, 1999. Pero' ghalkemm il-pink card turi Carmel Muscat et, ir-riferta li tindika illi l-ittra ma

gietx *claimed* tirreferi biss ghal Carmel Muscat. Jigifieri l-ewwel Qorti diga' kellha l-ewwel nuqqas, u cioe' ma hemmx indikazzjoni rigwardanti l-konvenuta Mary Doris Muscat. Imbaghad sussegwentement jidher illi ma sar ebda tentattiv iehor biex issir notifika mill-gdid, pero' xhur wara. u cioe' hames xhur u nofs wara, is-socjeta' attrici pprezentat rikors fejn ippremettiet illi l-konvenuti kienu ghadhom mhux notifikati bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh, imbaghad talbet illi dik il-Qorti "joghgobha tordna n-notifika tal-konvenuti permezz tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern". L-ewwel Qorti rat l-istess rikors u laqghet it-talba b'digriet tat-3 ta' Dicembru, 1999. Sussegwentement jidher illi fit-termini ta' l-artikolu 187 (3) tal-Kap I2 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u daqshekk! Dawn huma l-provi. Pero' s-subartikolu 3 ta' l-artikolu 187 tal-Kap XII jirrikjedi hafna iktar minn dak li sar fil-prim'istanza. Infatti, l-istess paragrafu jghid kif gej:-

> "Jekk mir-riferta ta' l-ufficjal inkarigat min-notifika ta' l-iskrittura jew att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifikata bl-iskrittura jew att, ghalkemm ma tirrizultax li qeghda barra minn Malta, id-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf, il-Qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post, fil-belt jew fid-distritt fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi, u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza".

Dan apparti mizuri ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa li tiehu. Minn dan kollu jidher li fl-ewwel lok evidentement biex jigu ffrankati spejjez intalbet biss il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, u minn dak kollu rimanenti li l-artikolu imsemmi jirrikjedi ma sar assolutament xejn. Dan din il-Qorti mhix pronta tippermettih ghaliex tkun qed tikkondona mod kif jigi evitat dak li l-procedura f'materja ta' ordni pubbliku tirrikjedi ad unguem. Ghalhekk il-konkluzzjoni li tasal ghaliha din il-Qorti hija li assolutament l-ewwel Qorti kienet skorretta meta waslet ghall-konkluzzjoni li l-konvenuti kienu debitament notifikati skond il-ligi.

Konsegwenza ta' dan jaqa' dak kollu li sar fil-prim'istanza. Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqa' l-istess u allura tannulla s-sentenza appellata kif ukoll il-proceduri kollha li saru quddiem l-ewwel Qorti wara n-nuqqas ta' notifika kif jinsab jirrizulta minn fol. 3 tergo tal-process. L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi. L-ispejjez, kemm tal-prim'istanza kif ukoll ta' din l-istanza jigu sopportati mill-partijiet ugwalment bejniethom fuq il-principju li l-izball li evidentement kien ta' l-ewwel Qorti ghandu jigi sopportat mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

Dep/Reg

mm